# PROGRAMM Festa Santa Marija Mqabba 1990





WASALTU BIEX TIŻŻEWĠU JEW
GĦANDKOM XI OKKAŻJONI
MELA GĦALFEJN MA TMORRUX GĦAND
**OXFORD PHOTO STUDIO**
U TIBBUKJAW IS-SETT TA' RITRATTI U L-VIDEO.
AĦNA L-UNIKU ĦANUT LI NTUKOM
XOGĦOL PROFESSJONALI.
MA' KULLSETT TA' RITRATTI LI TIBBUKKJAW
TINGĦATAW 4
RITRATTI KBAR TA' 10x8 B'XEJN.

# OXFORD PHOTO STUDIO

## 7. PAOLA SQUARE
## PAOLA.
## TEL: 228069

GĦAL-AQWA XOGĦOL TA' FOTOGRAFIJA

**MAĦRUĠ MILL-GĦAQDA MUŻIKALI**

# RE ĠORĠ V
# MQABBA.

**FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA 1990**
**U F'GĦELUQ IT-TMENIN ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF**
**TA' L-ISTESS SOĊJETÁ - 1910 - 1990**

## WERREJ


| | |
|---|---|
| Kumitat Eżekuttiv 1990 - Għaqda Mużikali Re Ġorġ V | 3 |
| Il-Kelma tal-Kappillan | 5 |
| Messaġġ mill-President | 7 |
| Jikteb is-Segretarju | 9 |
| Il-Kelma tal-Kaxxier | 11 |
| Messaġġ mid-Direttur Spiritwali | 13 |
| Iż-Żgħażagħ u l-Banda | 15 |
| Is-Sala l-Ġdida | 17, 18, 19 |
| L-Isqof Molina jżur il-Parroċċa ta' l-Imqabba fl-1680 | 21 |
| Banda Re Ġorġ V - Marċi Ġodda u l-Programm Mużikali | 23 |
| Tagħrif Ġenerali fuq is-Siltiet Mużikali | 24, 25 |
| Festi ta' ġol-Knisja | 26 |
| Festi ta' Barra | 27 |
| Rendikont tal-Festa fil-Knisja ta' Santa Marija - 1989 | 29 |
| Sehem il-Baned mistiedna (1) - "Queen Victoria", Żurrieq | 31 |
| Sehem il-Baned mistiedna (2) - "Unjoni", Luqa | 33 |
| Sehem il-Baned mistiedna (3) - "M.M. Gratiae", Żabbar | 35 |
| Programm tal-Ħruq tan-Nar | 37 |
| Ġublew tal-Fidda, 1965-1990 | 40,41 |
| Innu lil Marija Assunta | 47 |
| L-Armar Kabbar il-Festa | 52 |



**IL-KUMITAT**
jixtieq jirringrazzja lil kull min, b'xi mod jew ieħor,
għen sabiex dan il-Programm ġie stampat
speċjalment lil dawk li għoġobhom jirriklamaw,
u lill-qarrejja nħeġġuhom jixtru l-prodotti u
jinqdew bis-servizzi rreklamati f'dan il-ktejjeb.

Mitbugħ minn "Bonnici's Press", 36, St. Paul Street, Valletta/ Tel: 224607.
Ritratti ġentilment provduti minn "Oxford Photo Studio" - Paola.

# ELBROS CONCRETE LIMITED







## CONCRETE MIX & PLANT HIRE

**Tar-Robba L/O Kirkop**

**Tel: 829660**

# KING GEORGE V BAND CLUB
# MQABBA
## EST. 1910

### KUMITAT 1990

**PRESIDENTI ONORARJI**
Onor. Dr. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P.
Mr. Leonard Farrugia

**PRESIDENT**
Carmel Zahra

**VIĊI PRESIDENT**
Twanny Camilleri, B.Mech. Eng. (Hons)

**SEGRETARJU**
Francis Vella

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASST. SEGRETARJU**
Nazzareno Sciberras

**ASST. KAXXIER**
Peter Psaila

**MEMBRI**
Innocent Farrugia
John Galea
Paul Gauci
Anthony Ghigo
Raymond Vella

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. George Martin A(Mus) L.C.M., O.S.T.J.

**ASST. DIRETTUR TAL-BANDA**
Twanny Camilleri

**KUMMISSJONI BANDA**
Raymond Camilleri
Kevin Camilleri
Adrian Zahra

**RAPPREŻENTANT FIL"BAND CLUBS ASSOCIATION"**
Twanny Camilleri

**DELEGAT TAN-NAR**
Raymond Vella

**REVIŻUR**
Andrew Ellul

SCICLUNA FLORIST



**Garden Centre**
**Bronja Street**
**Żurrieq**
**Tel: 829621**

For:... *Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...*

de drop
BATHROOM CENTRE

BATHROOMS
CERAMIC TILES
BATH FITTINGS



de drop
NAXXAR ROAD, LIJA.
Tel: 448080

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



Ma nistax inħalli opportunità bħal din tgħaddi mingħajr ma nsemmi l-akbar ġrajja li kellna ftit tal-ġimgħat ilu; iż-żjara tal-Papa fostna.

Wara ħafna taħbit ta' laqgħat u xogħol, il-Papa ġie, tana diversi messaġġi mimlijin ħsibijiet ġenwini bi mħabba ta' Missier. U wara tlett ijiem li matulhom il-poplu Malti ħa nifs spiritwali u ma xtaqx li jispiċċaw, il-maħbub Papa telaq lura biex ikompli l-missjoni iebsa tiegħu f'pajjiżi oħra.

Kienu ftit jiem li matulhom warrabna r-rutina ta' kuljum, insejna d-differenzi ta' natura profana u politiċi tagħna, tlabna iżjed b'ħeġġa mis-soltu u sirna lkoll familja waħda taħt Ragħaj wieħed.

J'Alla l-iskop tal-miġja tal-Papa, t-tisħiħ tal-Fidi fi qlub il-Maltin, ma spiċċax fix-xejn bħal duħħan fl-ajru. J'Alla l-apprezzament tagħna għall-għejja li sofra l-Papa kemm dam fostna, jidher fit-tiġdid tal-Fidi bl-akbar lejaltà u sinċerità minn kull wieħed u waħda minna.

U hekk ukoll, wara ħafna laqgħat u xogħol, reġgħet waslet il-festa ta' Santa Marija.

Il-messaġġ ta' Marija huwa wkoll wieħed ġenwin bi mħabba ta' OMM. Huma jiem li matulhom Marija tridna nieħdu aktar mis-soltu, nifs spiritwali u Marjan, nifs li jberred, nifs li jpaxxi l-qalb, nifs li jgħaqqad, biex jagħmilna lkoll ulied denji tagħha.

Ejjew napprezzaw ix-xogħol ta' dawk kollha li jaħdmu ġenwinament biex il-festa tkun waħda sabiħa ta' paċi u għaqda. Mhux aħjar tkun strument ta' paċi, kif Marija aċċettat li tkun, milli strument ta' firda u għodda f'idejn ix-xitan?

J'Alla l-apprezzament tagħna għal dak kollu li sofriet Marija kemm damet fostna, jidher fil-preżenza tagħna fil-Knisja biex nisimgħu u nitgħallmu fuq ħajjet il-Madonna u nimitawha fil-ħafna virtujiet sbieħ li kellna. J'Alla l-festa tkun mezz ta' veru tiġdid fil-Fidi.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

**Fr. Willie**

# E. CATANIA
# WOOD CARVING

**Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura**

***MORRU GĦAND MANWEL CATANIA***

**SHOWROOM**
**"Odyssey"**
**Bronja Street**
**Żurrieq**

**WORKSHOP**
**Odssey Garage**
**Alexander Street**
**Żurrieq**



***Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.***
***Tel: 682137***



# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

Għeżież Membri u Partitarji,

Għaddiet sena oħra u Festa oħra reġgħet magħna, l-akbar okkażżjoni ta' ferħ għalina lkoll !

Inħoss illi, qabel xejn, nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kumitat illi għoġobhom jagħżluni bħala President, u fl-istess ħin nieħu din l-okkażżjoni sabiex nirringrazzja lill-President ta' qabli, tax-xogħol siewi u ħeġġa li dejjem wera lejn is-Soċjetà tagħna.

Bħas-snin l-imgħoddija, il-Festa irrikjediet ħafna xogħol u preparamenti matul is-sena kollha. L-armar, minn sena għal sena jkun irid il-manutenzjoni meħtieġa, sabiex bħalma x-xogħol ta' missirijietna qegħdin ingawduh aħna, hekk ukoll 'il quddiem jibqa' jidgawda minn uliedna. Barra minn hekk, il-grupp li jieħu ħsieb dan ix-xogħol wettaq ħidma sfieqa sabiex jitlesta' r-restawr fuq it-trofini u l-armi tagħhom; ta' dan ħaqqhom kull tifħir u ħajr. Ta' importanza kbira huwa x-xogħol u l-preparamenti li jsiru mill-Banda tagħna s-sena kollha. Huwa ta' pjaċir u ta' sodisfazzjon għalina lkoll meta naraw numru sabiħ ta' alljievi żgħar u żgħażagħ jitgħallmu l-mużika fi ħdan is-Soċjetà tagħna, għax huma l-futur tal-Banda. Barra mill-kunċerti ta' matul is-sena, sar ir-"recording" ta' sett marċi ġodda, li tant intlaqa' tajjeb, u anki sar servizz ieħor għat-turisti, li apprezzaw it-talent tal-mużiċisti tagħna. Ma rridx ninsa lill-grupp tan-nar, illi b'sagrifiċċju u sogru kbir għal ħajjithom jaħdmu s-sena kollha biex jagħtuna dak l-ispettaklu mill-isbaħ; j'Alla l-Madonna tibqa' żżomm ħarsitha fuqkom ilkoll! Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, nixtieq insemmi lin-nisa illi tant jirsistu sabiex itaffu xi ftit mill-piż kbir finanzjarju li għandha l-Festa permezz ta' l-attivitajiet soċjali u ġbir ieħor li jorganizzaw, u fuq kollox, lil kulħadd, ta' kull għajnuna li kull meta tlabna, żgur qatt ma naqset u lanqas tonqos.

Ma nistax nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi bħala President mingħajr ma nagħmel appell speċjali sabiex inħeġġeġ lill-membri u l-partitarji kollha sabiex jieħdu sehem attiv fil-Festa u jagħtu l-għajnuna tagħhom, sew finanzjarju kif ukoll waqt ix-xogħol ta' l-armar u ż-żarmar. Nieħdu sehem ukoll fil-marċi li nagħmlu iżda b'mod dinjituż u kif jixraq, hekk kif dejjem sar. **F'isem is-Soċjetà u l-Banda Re Ġorġ V, nixtieq nagħti lill-membri, lill-partitarji u lill-Imqabbin kollha l-isbaħ xewqat għall-Festa tant għażiża għalina; j'Alla l-imħabba lejn Ommna Marija mtella' s-Sema, Omm l-Imqabbin, tkompli tikber u tissaħħaħ fi qlubna lkoll.**

**Viva Santa Marija**

**Carmel Zahra**
**President**

DRAGON FORGE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works

98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 440160

**Manufacturers of:**

- All types of Iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel






Best Craftsmanship – Quick Service





Carabott Jewellers

*FOR CRYSTALWARE*
*GOLD AND SILVER ITEMS*

DUN ĠUŻEPP ZAMMIT ST.,
ŻURRIEQ – MALTA
TEL: 680760



***The best in Video entertainment***

**OVER 3000 TITLES**




27. Cospicua Rd., Paola - Tel: 232997



Lipstick

*School of Modelling*
*& Photographic Studio*

Lipstick School of modelling & Photographic studio
'Publishers of Images magazine'
Offers male, female and children the advice and guidance necessary for a career in modelling.

The course include·
CATWALK & COMMERCIAL MODELLING
PHOTOGRAPHIC MODELLING
MAKE-UP & BEAUTY CARE
HAIRSTYLING
DRESS-SENSE
KEEP-FIT.

LIPSTICK SCHOOL OF MODELLING
& PHOTOGRAPHIC STUDIO
VALLETTA BLDGS, FLAT 12
3rd FLOOR, SOUTH STR.,
VALLETTA. Tel. 623256.



# JIKTEB IS-SEGRETARJU

Għeżież Soċji u Partitarji,

Awissu reġà magħna u flimkien mal-Knisja Kattolika imxerda mad-dinja kollha, kif ukoll ma' bosta bliet u rħula ta' dawn il-gżejjer, ninsabu lesti u ħerqana sabiex niċċelebraw il-Festa tant għażiża ta' Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabba.

Għalkemm din hija l-ewwel esperjenza tiegħi bħala Segretarju ta' Soċjetà Mużikali, kont naf tajjeb x'piż u responsabbiltà tinvolvi din il-kariga, iżda kont naf ukoll illi bl-għajnuna u l-koperazzjoni tagħkom, dan il-piż jittaffa sew. Ma nistax ma nieħux din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kulħadd tal-fiduċja li wrejtu fiha u b'mod speċjali liż-żewġ Segretarji ta' qabli, l-ewwelnett għas-servizz siewi li kemm damu f'din il-kariga taw lis-Soċjetà tagħna, u t-tieni tal-koperazzjoni u l-għajnuna li dawn dejjem qegħdin jagħtuni.

Għaddiet sena oħra minn fuqna li matula, barra x-xogħol bla waqfien ġewwa l-kumitat u l-kummissjonijiet kollha.(fosthom dik tar-reviżjoni ta' l-Istatut tas-Soċjetà illi lestiet ir-rapport finali tagħha, għall-approvazzjoni tas-Seduta Ġenerali), sar ħafna xogħol volontarju mis-soċji u partitarji nisa u rġiel, dejjem bil-ħsieb illi ngħollu isem is-Soċjetà tagħna u nsebbħu l-Festa Titulari tar-raħal tagħna. Ir-riżultat tax-xogħol fejjiedi li sar mid-dilettanti tas-Soċjetà tagħna jinkludi tkomplija tar-restawr ta' l-armar tal-pjazza, fejn ser jiġu armati erba' trofini irrinovati flimkien ma' sett armi li jirrappreżentaw il-Litanija tal-Madonna. Il-grupp tan-nar, bħas-snin l-imgħoddija, ta sehemu bil-kbir sabiex jipprepara spettaklu mill-aqwa, sew tan-nar ta' l-art kif ukoll ta' l-ajru: ta' dan ħaqqhom grazzi kbir! Il-Banda wkoll kellha sehem importanti fil-preparazzjonijiet tal-Festa ta' din is-sena. Barra l-kunċerti, sar 'recording' ta' sett marċi ġodda, bil-parteċipazzjoni ta' numru sabiħ u nkoraġġanti ta' bandisti tal-post. Id-dedikazzjoni tas-Surmast maħbub tagħna u ta' l-għalliema hija xi ħaġa ta' min japprezzaha, u nħossni fid-dmir, bħala Segretarju ta' Soċjetà Mużikali, sabiex inħeġġeġ lill-ġenituri kollha jibagħtu lil uliedhom jitgħallmu l-mużika b'xejn mas-Soċjetà tagħna. Wieħed ma jridx jinsa wkoll l-inizjattiva tal-partitarji nisa illi dejjem jagħtu sehemhom permezz ta' l-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet soċjali tagħhom għall-ġbir tal-fondi.

Naturalment, hemm ħafna aktar xogħol li sar, iżda mhux possibbli noqgħod insemmi kollox f'dan il-messaġġ tiegħi. Għaldaqstant, nieħu din l-okkażjoni sabiex f'isem il-Kumitat, nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw u qed jagħtu sehemhom ħalli jerġa' jkollna Festa kbira u sabiħa, hekk kif jixirqilha Ommna Marija mtella' s-Sema. Issa li kollox lest sabiex ingawdu l-frott ta' ħidmietna lkoll, nixtieq nagħmel appell sabiex matul il-ġranet tal-Festa, speċjalment waqt dawk il-mumenti ta' briju u ferħ li nafu nagħmlu, inġibu ruħna sew u kif jixraq, ħalli nagħtu ġieħ kif jixraq lil Dik li aħna niffesteġjaw.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

**Francis Vella**
**Segretarju.**

# POLIDANO BROS. LTD
# CEMENT MIX LTD.






## Excavation & Concrete Contractors

**Ħal Farruġ Road,**
**l/o Mqabba**



# IL-KELMA TAL-KAXXIER

Ix-xahar t'Awissu reġa' wasal u miegħu tasal ukoll il-festa ta' Santa Marija titular tal-Parroċċa u Patruna tal-Gżejjer Maltin. Is-Soċjetà tagħna minn dejjem obbligat ruħha li tfassal u tesegwixxi l-Festi Esterni ta' Santa Marija. Dan dejjem għamlitu b'sens ta' dmir, responsabbiltà u devozzjoni lejn l-Assunta. L-Għaqda, is-solidarjetà u d-dedikazzjoni li juru l-partitarji tagħna f'dawn il-jiem hekk sbieħ jimlewna bil-kuraġġ u l-fiduċja peress li nifhmu li l-iskop u l-ideali li rridu nwasslu qed jifirxu l-effett tagħhom ma' kulħadd.

Bħal ma sar dejjem fis-snin l-imgħoddija, hekk ukoll din is-sena l-Kumitat ħadem biex nagħmlu festa kif jixraq. Dan ma kienx ikun possibli jekk mhux bil-ħidma ta' tant membri li ħadmu b'sagrifiċċju tul is-sena kollha. U hawn ta' min isemmi n-numru sabiħ ta' żgħażagħ fis-Soċjetà, żgħażagħ mimlijin bl-entużjażmu u bl-enerġija, u li bl-għajnuna tagħhom sar ħafna xogħol.

Is-sena l-oħra ġew imżanżna erba' minn sett ta' bandalori għat-Trofej. Kulħadd ammira d-disinn sabiħ li fihom kif ukoll il-pittura. Din is-sena ser ikunu lesti erba' oħra. Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq l-armar, u din is-sena kien imiss l-armi tal-pjazza li ngħataw dehra meraviljuża. Saret ukoll il-pittura, li tirrapreżenta l-Litanija tal-Madonna, fuq l-istess armi. Iż-żgħażagħ ukoll komplew ilestu l-liedna għat-toroq tar-raħal.

F'dawn l-erba' kelmiet ma nistax ma nurix l-apprezzament tiegħi lejn il-Banda tas-Soċjetà, li taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast Direttur il-Kav. Ġorġ Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J., kull sena tferraħ lill-poplu Mqabbi bil-programmi u l-marċi brijużi. Prosit ukoll ħaqqhom il-bandisti għar-recording eċċellenti tal-cassette bil-marċi ġodda li sar għand Boffa Studios. Ħajr ħaqqhom ukoll il-Partitarji Nisa li jagħmlu ħafna xogħol siewi bħalma huwa l-ġbir ta' flus kif ukoll jieħdu ħsieb jorganizzaw attivitajiet f'isem is-Soċjetà.

Inħossni qed nonqos jekk ma nsemmix ix-xogħol li jsir mid-dilettanti tan-nar li għal sena wara l-oħra dejjem ħejjew programm sabiħ ta' logħob tan-nar. Is-suċċess kbir li kellna s-sena l-oħra fil-logħob tan-nar sew ta' l-art kif ukoll ta' l-ajru ma jista' jiċħdu ħadd. Hekk ukoll din is-sena nisperaw li bil-programm li thejja nkomplu nżidu mat-teknika u l-artistrija li d-delettanti tagħna huma magħrufa għalih.

Fl-aħħar nixtieq nistedinkom biex bħalma dejjem kontu devoti ta' l-Assunta, din is-sena wkoll tiċċelebraw bil-kbir sew il-festi esterni kif ukoll dawk interni. Dan huwa l-isbaħ avveniment fil-Ħajja tal-Madonna, it-Tlugħ Tagħha fis-sema. Ħudu gost fil-Festa li aħna niċċelebraw fir-raħal tagħna. Jiena ċert li bħalma kontu għaqlin u ta' eżempju tajjeb fis-snin l-imgħoddija hekk ukoll din is-sena nkunu ta' eżempju ta' kif wieħed jista' jiċċelebra Festa kbira bħal tagħna mingħajr ma nweġġgħu s-sentimenti ta' ħadd.

Filwaqt li nsellem lil kulħadd, nixtieqilkom il-Festa t-Tajba.

VIVA SANTA MARIJA

**Carmel Briffa**
**Kaxxier**

# REWAEL MARBLES

## Granite & Resin Works
## TEL: 683096

**Josmik Garage**
**Valletta Road - Mqabba**



# PANDA
## GIFT-SHOP
### Triq Karmenu Ciantar – Mqabba

Fejn issibu:

**Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijiet utili oħra.
**Issibu wkoll** linef; silver plated jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

**Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-**

## PANDA GIFT-SHOP

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom.



# MESSAĠĠ MID-DIRETTUR SPIRITWALI

Din is-sena l-Imqabbin kollha, huma fejn huma, sejrin jibqgħu jiftakruha bħala s-sena taż-Żjara tal-Papa. Ġie sa fl-aħħar fostna u mar lura lejn Ruma, imma biċċa mill-Papa baqgħet magħna, f'qalbna u f'ruħna! Din hi l-isbaħ u l-għeżeż tifkira tal-Papa, il-bniedem li jitlob ... Rajnieh jitlob kull fejn ħadnieh, quddiem Ġesù fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija, quddiem diversi xbihat tal-Madonna f'Malta, quddiem l-istatwa ta' l-Appostlu Missierna. Ġwanni Pawlu II għandu ħafna x'jagħmel, imma mal-Mulej fit-talb m'huwiex xħiħ...
Niftakru ftit x'qal: "Hu tassew xieraq li ninġabru flimkien fit-talb fil-Mellieħa, l-eqdem Santwarju Marjan f'Malta. Fit-Tħabbira l-Verġni ta' Nażaret laqgħet minn jeddha l-istedina ta' Alla li ssir Omm Ibnu. Wara t-Tlugħ fis-sema tal-Mulej, Marija kienet magħquda fit-talb ma' l-Appostli waqt li kienu jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu li Ġesù kien wiegħed li jibgħatilhom. Aħna nafu li fit-twettieq misterjuż tal-pjan t'Alla tas-salvazzjoni Omm Ġesù kellha sehem privileġġjat. Fiduċjużi fl-imħabba u l-ħarsien tagħha bħala omm, ma nażitawx nirrikmandaw għat-talb tagħha l-fehmiet ta' dawk li jimxu fuq il-kmand ta' Kristu "morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba'." Dan jgħodd għall-missjunarji, imma jgħodd ukoll għall-emigranti li jgħixu skond ir-reliġjon ta' missirijiethom.

Għalhekk fl-istess diskors fil-Mellieħa l-Papa wriena li jenħtieġu f'kull ġenerazzjoni rġiel u nisa li fil-ħajja ordinarja ta' kuljum jagħtu xhieda lill-ġirien tagħhom tal-misteru ta' l-imħabba ta' Alla kif jurihielna Ġesù Kristu. "J'Alla l-familji nsara jkomplu jkunu l-ħmira ta' l-Evanġelju lis-soċjetà Maltija kollha!"

Sagħtejn wara, Ġwanni Pawlu II inxteħet jitlob quddiem il-Madonna mtella' s-sema fis-Santwarju l-aktar modern f'Ta' Pinu fejn qaddes l-ewwel quddiesa f'pajjiżna. Fl-omelija l-Papa semma kif l-Imqaddsa Verġni Marija "tispikka" bħala membru pre-eminenti tal-Knisja. Hawn "inroddu ħajr lil Sidna Ġesù Kristu għall-preżenza u protezzjoni mimlija mħabba ta' l-Omm Verġni tiegħu li l-Knisja f'Malta u Għawdex ilha tesperjenza tul l-istorja kollha tagħha. Għal sekli sħaħ, l-Insara ta' dawn il-gżejjer qorbu lejn Marija fit-talb biex tgħinhom fi ħtiġijiethom u ssabbarhom fin-niket tagħhom ..."

Ejjew mela fil-Festa tagħha nġeddu r-rabta tagħna ma' Marija, insejħulha "imbierka fost in-nisa" ma' l-Anġlu u nwettqu kliemha lil Eliżabetta: "Minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja ..."

**J.M. Ghigo S.J.**
**Direttur Spiritwali**

# St Mary Woodworks

## GHAMARA FUQ STIL KLASSIKU

- SETTIJIET TAS-SODDA
- SETTIJIET TAL-PRANZU
- SALOTTI
- GRANDFATHER CLOCKS
- SOTTO SPECCHIO
- CHIFFONIERS
- SIDE TABLES
- MONKS BENCHES
- ĠARDINIERI
- POĠĠAMANI

EĊĊ



S.M.W. Cortis, Mdina Road, Żebbuġ. Tel: 646520/644118

## *Cortis Grandfather Clocks*

KOMPLUT



MAGNI BISS



S.M.W. Cortis, Mdina Road, Żebbuġ. Tel: 646520/644118



# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-BANDA

Matul is-sena li għaddiet, komplejna ngħallmu liż-żgħar u ż-żgħażagħ tagħna sabiex, għada pitgħada, huma wkoll jagħtu sehemhom fi ħdan il-Banda tagħna. L-għaxqa tiegħi nara it-tfal, b'dik l-innoċenza tagħhom, ġejjin għal-lezzjoni u jistaqsu mistoqsijiet illi ħafna drabi juri illi, għalkemm żgħar fiż-żmien, għandhom interess u kilba għat-tagħlim, kważi kważi aktar minna l-kbar.

Wara l-appelli speċjali li għamilna matul l-aħħar snin, jidher illi bdew iħallu xi ftit tal-frott, għalkemm mhux daqs kemm nixtiequ. Għall-lezzjonijiet, kellna medja ta' madwar sittax-il alljiev, u li ħamsa minnhom qegħdin jitgħallmu l-istrument. Dan qiegħed ngħidu ħalli l-ġenituri jagħmlu kuraġġ u jibagħtu 'l-uliedhom jitgħallmu l-mużika illi, kif ġie ppruvat f'ħafna kulleġġi barra minn Malta, hi dik illi ma l-istudji l-oħra tal-matematika, xjenza, lingwi, eċċ., tiftaħ aktar il-moħħ u tħaffef il-proċess ta' l-iżvilupp mentali ta' wliedna.

Barra l-kunċerti li, b'ħafna sagrifiċċji, ma qatgħu xejn matul is-sena, kellna servizz ieħor għat-turisti, li bħal ta' qablu, kien suċċess u ta' unur għall-banda tagħna. Sar librett ġdid ta' sett marċi, ħamsa minnhom huma ġodda fjamanti u li, flimkien ma' ħames marċi oħra irregalati mill-ammiraturi tal-banda, ġew irrekordjati għand Boffa Ltd. Is-Soċjetà tagħna,minbarra t-tagħlim tal-mużika, li tiprovdieh b'xejn, din is-sena kompliet tgħin fix-xiri ta' aktar strumenti għall-bandisti u alljievi żgħażagħ tagħna. Ta' dan, nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat, tas-sens ta' responsabbiltà li juru, kull fejn jidħol il-ġid tal-banda.

Wara ħarsa qasira lejn ftit mix-xogħol li sar, niġi għal l-aktar messaġġ importanti li xtaqt inwassal din is-sena, permezz ta' din il-paġna. Il-mentalità taż-żgħażagħ ta' llum hi xi ftit differenti fir-rigward tal-funzjonijiet tal-każin tal-banda. Ikolli nistqarr illi ż-żgħażagħ fl-irħula wkoll qegħdin jiddakkru miż-żgħażagħ tan-naħat t'isfel, fejn hemm wisq tifrix tal-moħħ fuq affarijiet illi m'għandhom x'jaqsmu xejn, la mat-tagħlim tal-mużika u lanqas mat-tħejjijiet u mat-tkabbir tal-Festa. Bħal kull żagħżugħ, inħoss illi d-dinja materjalistika u permessiva li ninsabu mdawrin biha llum iġġiegħel lil ħafna miż-żgħażagħ jaħarbu kull impenn soċjali u kulturali li, meta wieħed joqgħod jifli sewwa l-konsegwenzi, isib illi jiriżulta fi djufija tal-karattru.

Fis-Soċjetà tagħna, għall-Grazzja t'Alla m'aħniex neqsin minn dak l-element żagħżugħ, iżda nħoss illi **s-sehem** għandu jikber. Aħna ż-żgħażagħ m'għandniex naqtgħu qalbna nidħlu fid-direzzjoni tas-Soċjetà tagħna u, aktar u aktar nagħtu sehemna fil-banda. F'kull socjetà issib dik li jsejħulha "generation gap" illi ħafna drabi, konsegwenza tagħha, l-element żagħżugħ jiġi meqjus bħala rresponsabbli, immatur u lest biex iwarrab it-tradizzjonijiet kollha. Dan żgur mhux il-każ tagħna anzi, matul dawn l-aħħar għaxar snin li ilni naħdem fi ħdan is-Soċjetà tagħna, permezz tal-Banda u aktar riċenti, fil-Kumitat, nħoss illi l-"policy" tas-Soċjetà dejjem kienet waħda: dik li tgħaqqad il-maturità, ir-responsabbiltà u l-esperjenza tal-anzjani tagħna mal-entużjażmu l-enerġija u l-mentalità progressiva u liberali taż-żgħażagħ, għal tmexxija aħjar f'kull qasam iżda b'mod partikolari f'dak mużikali.

Għaldaqstant, l-appell tiegħi illum idur lejn sħabi ż-żgħażagħ kollha sabiex nieħdu sehem aktar attiv, ninxteħtu b'ruħna u b'ġisimna għat-tagħlim tal-mużika fi ħdan is-Soċjetà tagħna għax f'dan il-qasam l-aktar li hemm bżonn sehemna. **Niftakru illi bandist żagħżugħ huwa investiment doppju għas-Soċjetà tagħna għaliex l-eżistenza u l-kontinwazzjoni tal-ħajja ta' Soċjetà mużikali <u>illum u għada</u> tiddependi minnha biss.** Nieħdu opportunità minn dan il-privileġġ uniku għalina ż-żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà tagħna ħalli ħadd ma jkun jista' jakkużana illi ma seddaqniex ix-xogħol li wettqu missirijietna.

**Twanny Cammilleri, B.Mech. Eng. (Hons)**

mangion brothers żurrieq LTD.



BUILDING CONSTRUCTION.
CONCRETE MIX & CRANE HIRE
Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590



FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396

# IS-SALA L-ĠDIDA

**Nhar l-10 ta' Awissu 1989,** inkitbet paġna oħra importanti fl-istorja tas-Soċjetà tagħna meta sar il-ftuħ uffiċjali tas-Sala l-ġdida għall-Kunċerti tal-Banda tagħna.

Wara li s-Sala prinċipali kienet ġiet irrestawrata u mżejna għal ġmiel li fih illum tinstab, beda aktar jinħass il-bżonn illi tinbena sala oħra sabiex dik prinċipali titħalla għal xi okkażżjoni, u b'hekk, barra milli jitkabbar il-każin, nevitaw ħsara bla bżonn fiha.

Ta' min wieħed ifakkar illi, sa sentejn ilu, il-kunċerti tal-banda ta' matul is-sena kollha kienu jsiru fis-sala prinċipali, illi għalkemm hi ġawhra arkitettonika, ma għandiex dik l-akustika addattata sabiex isservi għal dan il-għan, primarjament minħabba l-għoli u d-disinn troll tas-saqaf.

Għaldaqstant, meta madwar tliet snin ilu, ittieħdet id-deċiżjoni illi tinbena' sala fuq dik tal-"billiards", il-Kumitat ta' dak iż-żmien ikkonsulta perit sabiex issir pjanta li tkun konformi ma' l-estetika tal-każin in ġenerali u, barra minn hekk, ikollha akustika mill-aħjar.

Bil-għajnuna ma taqtax ta' ħafna benefatturi li kkontribwew sew finanzjarjament u materjalment, kif ukoll bl-għajnuna diretta fil-bini, stallazzjoni ta' l-elettriku, tikħil, tibjid, tqegħid ta' madum u rħam, xogħol ta' aperturi u mitt ħaġa oħra, il-ħolma tagħna saret rejaltà u b'hekk nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem, illi għandna sala addattata ferm għall-każin, u b'mod partikolari, għall-banda.

Intant, fil-preżenza fost l-oħrajn tal-mistieden speċjali l-Onor. Ministru tal-Politika Soċjali Dr. Louis Galea, illi għoġbu jonorana bil-preżenza tiegħu, l-ex President tas-Soċjetà tagħna is-Sur Joseph Farrugia għamel id-diskors ta' l-okkażjoni. Wara l-President Onorarju s-Sur Leonard Farrugia fetaħ uffiċjalment is-Sala, fost ċapċip, sparar ta' musketterija u entużjażmu kbir ta' dawk kollha preżenti. Il-Kappillan tal-Parroċċa l-W.R. Dun Willie Vella wara bierek is-Sala u ngħata bidu għar-riċeviment li sar bħala turija ta' apprezzament lil kull min għen fit-twettieq ta' dan il-proġett.

Kulħadd deher sodisfatt bix-xogħol li sar; iżda dan għadu biss il-bidu ta' ħafna xogħol ieħor li għandna f'moħħna li nwettqu fil-ġejjieni qrib, sabiex inkomplu nsebbħu il-wirt li ħallewlna l-għeżież missirijietna. L-importanti huwa li dejjem insibu l-għajnuna tagħkom, Soċji u Partitarji, kull meta ninħtieġuha.

Mill-ġdid GRAZZI lil kulħadd.

Il-Kumitat



1. Is-Sur Joseph Farrugia, il-President f'dak iż-żmien, jidher jagħmel id-diskors ta' l-okkażjoni. Ta' min wieħed jinnota li fuq l-isfond, fuq wara, hemm 'wall unit' kbira li nħadmet is-sena l-oħra wkoll, sabiex fiha jintrefgħu il-bandalori u drapp ieħor li jintrama' għall-Festa ta' Santa Marja.



2. Il-President Onorarju, is-Sur Leonard Farrugia jidher jiftaħ uffiċjalment is-Sala.



3. Il-Kappillan tal-Parroċċa, l-W.R. Dun Willie Vella jidher ibierek is-Sala, ftit mumenti wara l-ftuħ uffiċjali.




4. Dehra ġenerali tas-Sala. Innotaw is-suffett li sar, flimkien mal-'vertical blinds', iż–żewġ mirja antiki li ġew irrestawrati għall-okkażjoni, kif ukoll il-Katuba u l-Karru tagħha, li ġew imżanżna s-sena l-oħra wkoll.


BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK LTD
MRIEHEL MALTA
CISK
1980
1980
LAGER
...a taste
of success.
A quality beer from FARSONS

# L-ISQOF MOLINA JŻUR IL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA FL-1680

Waħda mill-viżti pastorali dettaljati li minnha joħroġ bosta tagħrif dwar il-knejjes parrokkjali tagħna flimkien mal-knejjes filjali li nsibu f'dawn il-gżejjer, hija bla dubju ta' xejn il-viżta pastorali magħmula mill-Isqof Giacomo Molina fl-1680.
Aħna llum se naraw dak il-kapitlu li jitkellem dwar il-Parroċċa ta' l-Imqabba li minnu se nisiltu din il-kitba.

F'dawk iż-żminijiet fl-Imqabba kienu jgħixu 500 ruħ li minnhom 300 kienu jiffrekwentaw is-Sagramenti. Mija kienu barra mill-Knisja u fl-Imqabba kienu jgħixu tlettax-il eklesjastiku. Meta l-Isqof żar il-knisja parrokkjali qal li din hi qadima u kompluta b'kollox. Fiha kienu jitqaddsu għaxar quddisiet kuljum. L-Isqof Molina jsemmi wkoll il-viżta pastorali li kien għamel il-predeċessur tiegħu, l-Isqof Tumas Gargallo fl-1598, u kif f'dik il-viżta kien waqqaf l-Imqabba bħala Parroċċa għaliha u firidha mill-parroċċi ta' Birmiftuħ u Ħal-Kirkop.

Il-viżta pastorali fl-Imqabba, l-Isqof Molina, bdiha kif inhu xieraq mill-knisja parrokkjali u hu beda jdur l-artali laterali. Barra l-artal maġġur, l-ewwel artal laterali, kien iddedikat ukoll lill-Assunta. Dan l-artal kien twaqqaf minn Paskal Spiteri fl-1609 skond kif jidher fit-testment tiegħu magħmul għand in-Nutar Bernard Azzoppardi.
Hu żar ukoll l-artal tal-Madonna tar-Rużarju li fuqu hemm imwaqqfa l-fratellanza tar-Rużarju Mqaddes.

Dwar l-artal ta' l-Immakulata hu qal li għandu renta ta' sitt tari fis-sena imħollija minn Bartolomeo Magri skond kif jidher fl-Atti tal-Kurja Veskovili.

L-artal tal-Lunzjata kellu wkoll renta ta' dar u ġnien żgħir mħollija mill-Kanonku Dun Marjanu Briffa.

Kien hemm ukoll l-artal tal-Viżitazzjoni mwaqqaf minn Leonardo Cassar u Paskal Aquilina. Il-festa kienet tiġi ċċelebrata bis-solennità kollha u saħansitra wkoll bl-Ottava.

Dwar l-artal tal-Pentecoste l-Isqof Molina jgħid li l-festa tal-Pentecoste kienet tiġi ċċelebrata kull sena fuq dan l-artal u din tiġi ċċelebrata bil-vespri u l-quddiesa kantata.
Dan l-artal, f'ġieħ l-Ispirtu s-Santu, kien twaqqaf minn Dun Ġorġ Brancati.

L-Isqof żar ukoll il-knejjes filjali ta' l-Imqabba u beda b'dik iddedikata lil Santa Marija. L-Isqof ikkummenta li din kienet miżmuma tajjeb u kellha il-prokuratur tagħha li kull sena kien responsabbli mill-festa tagħha li din kienet tiġi ċċelebrata bil-Primi Vespri u l-Quddiesa kantata. L-Isqof isemmi wkoll il-familja Agius li kienu benefatturi kbar ta' din il-knisja u jgħid ukoll li matul is-sena kienu jiġu ċċelebrati sitt quddisiet f'din il-knisja.

Dwar il-knisja ta' Santa Katerina, l-Isqof Molina jgħid ukoll li din kienet miżmuma tajjeb ħafna mill-prokuratur tagħha. Dwar il-festa tal-qaddisa din kienet issir kull sena bil-vespri u l-quddiesa solenni. Il-prokuratur ta' din il-knisja kellu wkoll obbligu li jiċċelebra quddiesa kull l-ewwel Tnejn tax-xahar.

Fl-1680 fl-Imqabba kienet teżisti knisja żgħira oħra, ddedikata lil San Pietru u San Pawl. L-Isqof ikkummenta li din kienet żgħira iżda kellha dak kollu meħtieġ għas-servizz tal-knisja. Il-festa ta' dawn iż-żewġ appostli kienet ukoll tiġi ċċelebrata kif inhu xieraq f'din il-knisja.

Meta tkellem dwar il-knisja ta' San Bażilju, l-Isqof Molina qal li qabel it-twaqqif tal-parroċċa ta' l-Imqabba, din il-knisja ta' San Bażilju, kienet il-knisja l-aktar importanti tar-raħal.
Minn dejjem kienet devota man-nies ta' l-Imqabba u fiha l-Isqof jgħid li kienet titqaddes quddiesa kull ġimgħa.
Il-festa wkoll kienet tiġi ċċelebrata bil-vespri u l-quddiesa kantata u bl-istess mod kienet tiġi ċċelebrata l-festa taċ-Ċirkunċiżjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. F'din il-festa il-kleru u l-poplu ta' l-Imqabba kienu jitilqu proċessjonalment mill-knisja parrokkjali għal din il-knisja fejn kienet issir quddiesa kantata b'suffraġju tal-mejtin midfuna f'din il-knisja u jitbierku l-oqbra tat-33 ruħ li kienu midfuna f'din il-knisja.

Meta tkellem dwar il-knisja ta' San Mikiel, l-Isqof jgħid li fil-festa tad-dedikkazzjoni ta' San Mikiel, il-kappillan kien jagħmel pranzu lil sitt foqra tar-raħal.
Kull nhar ta' Sibt u lejliet il-festi kienu jinxtegħlu l-lampieri.
F'din il-knisja kull sena kienu jitqaddsu sitt quddisiet.

Tony Terribile

## Roc~A~Go Crane Services

**CRANE & LIFTING SPECIALISTS**
**24 HOUR TOWING & LIFTING SERVICE**
**USED COMMERCIAL VEHICLES & SPARES**
**CAR BREAKERS**

(Prop. V. MICALLEF)

Tel: 801362
816172

*TAL-BARRANI*
*ROAD, ZEJTUN.*

## PLANKA LTD.

Concrete Works,
Mdina Road,
Zebbug.

Tel: 645635



# SETT TA' MARĊI ĠODDA

## LI SER JINDAQQU MILL-BANDA RE ĠORĠ V FIL-FESTA TITULARI TA' SANTA MARIJA LI SSIR ĠEWWA L-IMQABBA

| ISEM TAL-MARĊ | IRREGALAT MINN | KOMPOŻITUR |
|---|---|---|
| Ommna Marija | G. Martin | Mro. G. Martin |
| Tiananmen Square 4/6/89 | M. Ghigo | T. Camilleri |
| Is-Sala l-Ġdida | A. Farrugia | Mro. A. Farrugia |
| Farell | L. Farrugia | L. Farrugia |
| Niċċa Artistika | J. Camilleri | Maj. A. Aquilina |
| Omm l-Ommijiet | T. Camilleri | T. Camilleri |
| Sultana tas-Sema | J. Camilleri | Mro. J. Cuschieri |
| Super Fireworks | P. Farrugia | Mro. E. Bugeja |
| Kuntentizza | G. Martin | Mro. G. Martin |
| Marija Assunta (Innu Marċ) | L. Farrugia | L. Farrugia |

N.B. Dawn l-għaxar Marċi ġew irrekordjati għand Boffa Ltd.

| | | |
|---|---|---|
| Charmaine | C. Briffa | T. Camilleri |
| Whisky Galore | R. Camilleri & A. Zahra | Mro. A. Coleiro |
| Għaxqa t'Armar | P. Farrugia | Mro. E. Bugeja |

# MARĊI POPOLARI

| | | |
|---|---|---|
| Agrigento | I. Camilleri | Mro. A. Coleiro |
| Ta' Gerrew | V. Galea | Maj. A. Aquilina |
| La Vincitrice | V. Galea | Mro. A. Coleiro |
| Ta' Gori | J. Galea | Mro. A. Mizzi |
| Jum ta' Ferħ | G. Martin | Mro. G. Martin |

# PROGRAMM MUŻIKALI

| | | |
|---|---|---|
| Prelude | | S.V. Rachmaninof (Arr. J. Gready) |
| Theme | The Legend of the Glass Mountain | N. Rota (Arr. W. J. Dawson) |
| Fantasia | Carmen | G. Bizet (Arr. S. Pucci) |

Surmast/Direttur: Mro. G. Martin A.(Mus), L.C.M., O.S.T.J.

## Xi tagħrif ġenerali fuq

# IS-SILTIET MUŻIKALI

## li ser jiġu esegwiti mill-BANDA RE ĠORĠ V, waqt il-Programm Mużikali, nhar is-Sibt, 11 ta' Awissu 1990.

## CARMEN - Fantasia - Georges Bizet



Din l-opra famuża f'erba' atti ġiet imtella' għall-ewwel darba Pariġi fl-1875. Georges Bizet, li ismu propja kien Alexandre Cèsar Leopold, twieled f'Pariġi fl-1838, fejn aktar tard miet fl-1875, tlett xhur wara illi din l-opra dehret għall-ewwel darba, fl-età żgħira ta' 37 sena.

Fil-konservatorju ta' Pariġi, huwa rebaħ il-"Prix de Rome". Fost l-għalliema kellu lil Halévy, li kien jagħllmu l-kompożizzjoni, u li aktar tard Bizet iżżewwiġlu t-tifla tiegħu. L-isforzi tiegħu biex jistabbilixxi ruħu fix-xena tal-mużika operistika ħadu xi ftit tat-tul, qabel ma taw il-frott mixtieq. Tliet xogħlijiet illi kultant għadhom jinstemgħu huma "The Pearl Fishers" ta' l-1863, "The Fair Maid of Perth" ta' l-1867 u "Djamileh" ta' l-1872, li llum huma meqjusa bħala wisq konvenzjonali. Kellu suċċess tajjeb bl-"Overture Patrie" u bis-"Suite l'Arlessienne". Żewġ "Suites" oħra kienu "Rome" (meqjusa aktar bħala Sinfonija) u "Children's Games". Ma dawn insibu wkoll Sinfonija in Do u żewġ movimenti minn sinfonija oħra. Iżda, bla dubju ta' xejn, "Carmen" illum hija dik il-biċċa xogħol illi Bizet l-aktar huwa magħruf biha. Nerġgħu niġu għal din l-opra, illi l-librett tagħha kien ta' Meilhac u Halévy, ibbażata fuq in-novella ta' Mérimeé, din teħodna lura fi Spanja għall-ħabta ta' l-1820: l-ewwel att iseħħ fi pjazza f'Sevilja, it-tieni wieħed, f'taverna (fejn titkanta il-famuża "Toreador's Song"), it-tielet wieħed fil-moħba tal-ħallelin ġewwa l-muntanji, r-raba' u l-aħħar att fit-triq biswit l-arena tat-toro f'Sevilja.

Oriġinarjament, ta' min wieħed isemmi illi bdejna nikkunċertaw "Selection" xi ftit differenti minn dan l-arranġament li ser nippreżentaw f'dan il-Programm. Dan it-tibdil għamilnih xejn ħlief biex nuru l-apprezzament tagħna lejn is-sur Wistin Gauci, illi, flimkien mal-partitura tal-"Overture 1812", għoġbu jirregalalna dan l-arranġament ferm sabiħ f'Jannar li għadda. Nieħdu l-opportunità biex, minn din il-paġna, f'isem il-Kumitat, is-Surmast u l-Bandisti kollha, nirringrazzjaw lil din il-persuna ta' dan il-ġest ferm sabiħ.

Din il-fantasia għanda arranġament bandistiku ta' S. Pucci, u fiha siltiet verament ħelwin u tal-widna illi żgur ser tintlaqa' tajjeb minn kulħadd.

# Prelude - Sergei Vassilievich Rachmaninof



Rachmaninof, bħal xi kompożituri oħra tal-pjanu, fosthom Scriabin, ħa dan l-isem minn Chopin. Huwa twieled f'Novgorod fl-1873 u miet f'California fl-1943, fl-età ta' 70 sena. Huwa studja fil-Konservatorji ta' St. Petersburgh u Moska, u fost l-għalliema kellu lil Arensky u lil Taneief. Fl-1917, kellu jħalli r-Russja.

